**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa' Leġiżlatura

Laqgħa Numru 9/2024

12 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**9.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**9.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jaraw d-dikasteri assenjati lilhom. Għal benefiċċju tal-Kunsillieri ġodda spjega kif taħdem il-laqgħa tal-Kunsill.

**9.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.2.1 Is-Sindku qal li sfortunatament Fr Tony Pace kien qiegħed ħażin ħafna. Huwa fakkar li fl-eventwalita' li jiġi nieqes il-Kunsill irid iniżżel il-bnadar mezz' asta u ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jibgħat bukkett fjuri. Il-Kunsill qabel.

9.2.2 Is-Sindku qal li l-President tar-Reġjun ukoll kien ser ikollu ntervent l-isptar u ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħatlu bukkett fjuri l-isptar. Il-Kunsill qabel.

9.2.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni sabiex il-Kunsill jorganizza Festa Familja kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill kien ser jibbenefika €14,600. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibbenefika €2,000 oħra mir-Reġjun Punent. Is-Sindku qal li diġa' kien ikkomunika mal-*organiser* u l-ħsieb kien li nħallu din l-attivita' għal Novembru bħas-sena l-oħra.

9.2.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li minn naħa ta' Gal Xlokk kienu ħarġu skemi ġodda addattati għal NGo's u spjega li l-Każin tal-Banda faċilment seta' japplika għal waħda minn dawn il-miżuri.

9.2.5 Is-Sindku qal li x-xufier tal-vann tal-anzjani m'għadux assenjat mal-Kunsill wara diversi lmenti minn anzjani, apparti li f'xahar kien ħa wkoll tlett darbiet sick leave. Għalhekk huwa spjega li l-pożizzjoni tiegħu fil-Kunsill ma kinitx aktar tenibbli.

Is-Sindku qal ukoll li sakemm il-Kunsill ikollu xufier ġdid kien qed jissuġerixxi li jekk jidħlu xi bookings għall-vann naraw jistax jaqdihom il-*contracts manager* u b'hekk inkunu qed noffru servizz ridott fuq bażi temporarja. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naraw jaqbilx il-*contracts manager* ma' dan is-suġġeriment.

9.2.5 Is-Sindku qal li l-Kappillan kien qed jitlob li għal żmien il-festa nwasslu l-anzjani li ma jistgħux jimxu sal-Knisja u lura d-dar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħtu dan is-servizz.

9.2.5 Is-Sindku qal li Grupp T9Am kienu qed jitolbu l-użu tal-*football ground* nhar it-Tlieta 27 ta' Awwissu mill-5:00pm 'l quddiem sabiex jorganizzaw *water games*. Il-Kunsill qabel.

9.2.6 Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill kien għamel sezzjoni ddedikata għal Melitensia fil-librerija u kien jinħtieġ li jsir xi xkaffar ġdid. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir xkaffar ġdid.

9.2.7 Is-Sindku qal li s-Sur Matthew Xuereb kien qed jitlob l-użu tas-sala sabiex issir reċta nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Diċembru, 2024. Is-Sindku spjega li dawn is-serati ser isiru bi ħlas għalhekk issuġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob ħlas għall-użu tas-sala. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niltaqgħu miegħu sabiex niddiskuta aktar fid-dettal.

9.2.8 Is-Sindku qal li kien irċieva lment li Triq il-Kuċċard hekk kif tkun ser toħroġ għal Triq San Gwann kienu qed isiru ħafna nċidenti. Is-Sindku preżenta pjanta ta' xi nterventi li kien qed jissuġerixxi l-persuna li ressaq l-ilment. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu ittra lil *Transport Malta* sabiex jikkunsidraw x'għandu jsir minħabba dawn l-inċidenti.

9.2.9 Is-Sindku qal li kienet daħlitlu talba li sqaq fi Triq San Tumas int u sejjer lejn il-Hlantun, jingħata isem bħalma għamilna għal Trejqet il-Ġarra. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus issuġġerixxa li nsemmuh Sqaq Numru 3.

9.2.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien daħallu lment li fi Triq Qerd in-Naħal kantuniera ma Triq il-Kaċċaturi kien hemm siġra tal-palm kienet qed twaqqa' l-weraq bil-konsegwenza li qed jispiccaw fuq il-cables tad-dawl. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nibgħatu lil Enemalta sabiex ikunu huma li jaraw jekk jistax isir xi ħaġa.

**9.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

9.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinj. Joanna Abdilla staqsiet rigward il-bozoz fi Triq Carmelo Caruana. Is-Sindku kkonferma li kienu għaddejjin taħdidiet biex Indis ma tibqax tieħu ħsieb il-manutenzjoni tat-triq u l-manutenzjoni tibda taqa' r-responsabbilita' fuq *Infrastructure Malta*. Is-Sindku qal ukoll li sakemm jintlaħaq kompromess il-Kunsill jista' jikkomunika ma *Cleansing Malta* sabiex isir it-tindif tal-bankini u arbuxelli.

9.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinj. Joanna Abdilla qalet li l-ħarġa għal Sqallija kienet ser issir nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju, 2024.

9.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinj Claire Zammit qalet li kienet ser torganizza l-ewwel attivita', dik ta' Ħarġa għal Kemmuna u dawra ma Malta. Hija spjegat li kienet ser timxi fuq l-istess kriterji li kienet issir qabel u li kienet ser issir għall-ewwel ġimgħa ta' Settembru.

9.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono staqsa jekk setgħux jintużaw il-bżiezaq għall-armar tal-festa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iffirma MOU li pero' mhuwiex enforzabbli bil-liġi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tal-anqas ikunu bżieżaq biodegradable, għalkemm jemmen li għas-snin li ġejjin il-każin għandu jibda jikkunsidra li ma jużax bżieżaq minħabba l-ħsara li dawn jagħmlu fil-baħar u anke peress li jidher li dawn għad jiġi żmien li jiġu llegali.

9.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono staqsa rigward il-bozoz wara l-Ġnien ta' Ball. Is-Sindku kkonferma li dakinhar kien mar il-Kuntrattur għalhekk il-Kunsillier Kurt Debono kkonferma li kien ser jara jekk xegħlux jew le sabiex b'hekk ngħaddu l-ħsara lill-Enemalta.

9.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono staqsa jekk il-Kunsill setax jagħmel xi ħaġa fi Triq Carmelo Caruana minħabba li t-tarmak kien jiżloq ħafna. Is-Sindku kkonferma li bħala Kunsill dan l-ilment diġa' konna daħħalnieh diversi drabi u fakkar li t-triq taqa' taħt ir-responsabilita' tal-INDIS u mhux tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddiskuta diversi attentattivi x'jista' jsir biex it-triq tkun aktar sikura.

**9.4 Festa 2024**

**Għeluq ta' toroq**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' *Transport Malta* minħabba l-għeluq ta' toroq. Huwa spjega li Triq San Pawl, Triq Santa Maria, Triq San Ġużepp u Misraħ il-Knisja kienu ser ikunu magħluqa bejn il-15 ta' Awwissu 2024 u l-25 ta' Awwissu, 2024.

Is-Sindku qal li Triq il-Kuċċard kienet ser tkun magħluqa bejn id-19 ta' Awwissu, 2024 u l-23 ta' Awwissu minbarra s-service road, u magħluqa kompletament is-Sibt 24 ta' Awwissu, 2024 sal-Ħadd filgħodu 25 t'Awwissu.

Is-Sindku kkonferma li Triq iż-Żurrieq kienet ser tingħalaq nhar il-Ħadd 11 ta' Awwissu bejn is-7:00am u l-4:00pm sabiex jintrama' l-armar tal-festa f'din it-triq.

**Knis u Skart**

Is-Sindku qal li rigward il-knis u ġbir tal-iskart il-Kunsill kien ser jitlob laqgħa mal-kuntrattur sabiex niddiskutu kif ser isir il-knis u l-ġbir tal-iskart għal żmien il-festa.

Rigward il-*Bins on Wheels* u l-kunsill ser jingħaqad ma kunsilli oħra sabiex inħeġġu s-separazzjoni tal-iskart anki fi zmien il-festa.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jitlob għal extra service fir-rigward tal-knis sabiex is-Sibt filgħodu u darbtejn il-Ħadd isir il-Knis għal li jkun inqala' minħabba l-festa.

Il-Hadd darbtejn filgħodu u wara nofs inhar.

**Rotta tal-Linja**

Is-Sindku qal li kien ser ikollu laqgħa mal-operatur tal-linja sabiex issir diskussjoni kif ser tkun ir-rotta tal-linja għal żmien il-festa. Huwa qal li bażikament kienu ser jaraw l-istess rotta li kellna is-sena l-oħra jiġifieri direzzjoni Żurrieq jgħaddu mis-service road filwaqt li direzzjoni għal Belt Valletta jgħaddu minn Triq Ħajt Ruman u jduru ma' ġnien Dun Karm Vella.

**Floodlights**

Is-Sindku qal li bħala dwal tal-floodlights għal żmien il-festa kien hemm bżonn 8 għal Triq il-Kuċċard u 6 għall-pjazza.

**No Parkings**

Il-Kunsill irċieva t-talba sabiex isiru n-No Parkings fi Trejqet it-Twemmin bejn il-15 u il-25 t'Awwissu biex il-Każin ikunu jistgħu johorġu l-armar.

**Mobile Toilets**

Is-Sindku qal li għal din is-sena kellu talba sabiex minbarra żewġ mobile toilets għal pjazza l-Kunsill iġib ukoll tnejn oħra għal nhar is-Sibt biss waqt li jkun hemm in-nar tal-art fi Triq il-Kuċċard.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Kurt Debono jekk kienx hemm il-bżonn li tinżabar is-sigra mal-ġenb tal-Każin. Il-Kunsillier qal li kien ser jiċċekkja.

**9.5 Kera Garaxx tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju, 2024 is-sid li jikrilna l-garaxx tal-Kunsill kien ikkuntattjah fejn talbu żieda fil-kera tal-Garaxx. Is-Sindku qal li sid il-garaxx issa

kien qed jitlob €500 + VAT fix-xahar. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naċċettaw iż-żieda u nippruvaw li l-kuntratt jkun għal 5 snin minflok 3 snin.

**9.6 Kwotazzjoni Banketta għall-Vann tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ġabet kwotazzjoni sabiex il-vann nagħmlulu banketta għaliex l-vann kien għoli wisq biex jitilgħu l-anzjani komdi. Hija qalet li l-kwotazzjonijiet li kienet irċeviet kienu waħda bid-dawl u l-oħra mingħajr id-dawl, b'dak tad-dawl €100 ogħla. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal €100 oħra filgħaxija jkun aktar sigur għall-anzjani biex jaraw fejn ser jitfgħu riġlejhom.

**9.7 Skema Animal Welfare re-Cat Feeders**

Is-Sindku qal li l-Annimal Welfare kienu ser joħorġu skema ġdida din id-darba l-cat feeders jingħataw vouchers provduti apposta għalihom. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu biss jibgħat id-dettalji tal-cat feeders sabiex dawn jingħataw l-istess vouchers. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu jibghat l-informazzjoni meħtieġa sabiex ningħaqdu ma din l-inizjattiva.

**9.8 Approvazzjoni Risposta Management Letter**

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet illi kienet qegħda tippreżenta r-risposta tal-Management Letter għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l- Management Letter sabiex tintbagħat lin-*National Audit Office*.

**9.9 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**9.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-20.05. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu, 2024 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |